Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u sittin (67) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet nhar l-Erbgħa, 23 ta' Awwissu 2023, fis-6.10pm fl-uffiċċju amministrattiv, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Casssar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| 67.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u is-SE qara l-apoloġiji fuq l-SMS's tal-kunsillieri Sa Janice Busuttil u s-Sur Kris Grech. Dawn kienu approvati u meqjusa skużati. | Ittri ta' apoloġija. |
| 67.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru sitta u sittin (66).**<br>Il-minuti tas-seduta numru sitta u sittin 66 sarulhom il-korrezzjonijiet li jidhru bil-pinna fuq il-kopja oriġinali. Kienu imressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u issekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati b'vot unanimu. | Minuti |
| | **Punti mill-Minuti** | |
| 67.02.01 | Dwar ix-xogħlijiet fuq il-Muniċipju, intqal mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus illi qed nistennew id-drawings il-ġodda tal-M & E's biex jibdew id-dwal u l-ilma u t-trinek tal-AC's | Muniċipju |
| 67.02.0**2** | Dwar ix-xogħlijiet ta' Triq il-Kbira, il-Kunsill kien infurmat illi dawn għadhom għaddejjin. Is-Sindku spjega illi se titlesta iminentement il-parti bejn Triq ir-Repubblika u Triq San Franġisk, minkejja li rranka wkoll ix-xogħol bejn Triq San Franġisk u l-Pompa tal-Petrol fis-Saqqajja. Wara l-qatran imbgħad jitkompla l-iċċangar bil-madum. | Triq il-Kbira |
| 67.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 350 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 69**<br>Iċ-ċedoli tal-pagamenti u tal-Works Orders kienu approvati b'vot unanimu u dawn ġew ffirmati. F'dik tal-ewwel iddaħħal pagament miżjud tal-Boys Scouts tal-kirja tad-Day Centre għaliex kien inqabeż bi żball. Filwaqt li kienu skartati l-għola kwotazzjonijiet tal-qtugħ tal-ħaxix b'emerġenza minn fuq il-Works/Purchase Orders 69. | Ċedola 350 |
| 67.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Ma kienx hemm. | Mistoqsijiet |
| 67.05 | **Ħruġ ta' Offerta Pubblika – Latrina awtomatika tal-Baħrija**<br>Kien hemm qbil unanimu biex toħroġ l-offerta pubblika tal-latrina awtomatika tal-Baħrija tramite ir-Reġjun Punent. Din hija skeam tad-Dipartiment Gvern Lokali. Id-dettalji ta' kif ġejja din il-latrina kienu mogħddija mis-SE bħala dokument tal-agenda fl-istess calendar invite. Id-diżinn u l-ispeċifikazzjonijiet ta' din l-offerta kienu approvati mil-Kunsill b'mod unanimu. | Latrina tal-Baħrija |
| 67.06 | **Parkeġġ ta' muturi fi Triq Bir ir-Riebu, Sqaq Numru 1, ir-Rabat**<br>Din il-kwistjoni kienet riżolta għaliex min għamel l-ilment waqqa' l-każ. Dan peress li min kien qed iħalli l-mutur ipparkjat hemmhekk, issa telaq (kienu turisti li krew post f'dan l-isqaq) | Parkeġġ fis sqaq |
| 67.07 | **Proposta ta' isem għal triq biswit il-Kulleġġ tas-Sekondarja San Nikola u dik fi Sqaq fejn il-Pumping Station ta' Ħad Dingli u oħra fil-Baħrija fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.** | Ismijiet ta' toroq |

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva l-isem Triq is-Swatar għat-triq li tagħti bejn it-Triq ta' Ħad-Dingli u it-Triq ta' Santa Katerina tad-Daħla. Dan se jkun ċirkolat lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq. Dwar l-isqaq fejn il-pumping station ta' Ħad-Dingli, ma kienx hemm suġġerimenti. | |
| 67.08 | **Ħruġ ta' offerta pubblika tal-playing field tal-Baħrija**<br>Kien hemm qbil unanimu biex jinbidel il-logħob tat-tfal u t-tapit tal-playing field tal-Baħrija. Dawn id-dettalji ukoll kienu bħala dokument tal-agenda fl-istess calendar invite tal-laqgħa li kien ċirkulat mal-kunsillieri. Għaldaqstant se toħroġ l-offert pubblika mibnija fuq dawn id-dettalji. | Playing Field tal-Baħrija |
| 67.09 | **Ħruġ ta' offerta pubblika tal-Latrina tal-Baħrija**<br>Ara 67.05 | Latrina Awtomatika |
| 67.10 | **Biex jiġi ffurmat il-bord tal-Għażla għal Skrivan Skala XV**<br>Dwar din l-applikazzjoni qed nistennew il-lista tal-Jobs Plus biex jgħaddulna l-lista ta' dawk li qed jirreġistraw. Dan sar wara li ma applika ħadd internament u lanqas mil-Kunsilli Lokali l-oħra. | Skrivan |
| 67.11 | **Talba biex il-vacation leave jiġi mġedded għas-sena 2024 tas-Sur Anthony Bonello u s-Sa Shirley Bonanno**<br>It-talba biex jiġġedded il-Vacation Leave kienet milqugħa unanimament mill-Kunsill. Dik tas-SE se tintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għaliex hu impjegat mal-istess dipartiment għall-approvazzjoni filwaqt li ta' Ms Shirley Bonanno se jkun awtomatikament imġedded għas-sena 2024. | Tiġdid ta' Vacation leave minn 2023 għal 2024 |
| 67.12 | **Ħruġ ta' offerta pubblika – Natalis Notabilis**<br>Mhix se toħroġ l-offerta pubblika u minkejja dan il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun qed jissapportja din l-attività. Dan se jsir b'mezzi oħrajn bħat-tindif ecc. | Natalis Notabilis |
| 67.13 | **Biex ikun approvat iż-Żgħażugħ/a li ser jirrappreżenta lir-Rabat fil-Parlament taż-Żgħażagħ.**<br>Kienet approvata iż-żgħażugħa Abigail Farrugia Attard. Is-SE se jkun qed jimla l-formula tagħha on-line u jibgħata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali wara li ltaqa' magħha u wara li din kienet irrakkomandata mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti. | Parlament taż-Żgħażagħ |
| 67.14 | **Biex ikun approvat sostitut tal-Monti posta numru 9**<br>Kien approvat is-sostitut tal-posta numru 9 tal-Monti tal-Ħadd wara li is-sid propja miet, mela' l-vakanza t-tifel tiegħu Chris Muscat, bħala sostitut, u issa nstab sostitut ġdid. Din hija Ms. Gabriella Pia Pisani, ID number 0086889M. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva dan unanimament. | Posta numru 9 tal-monti |
| 67.15 | **Rapport Viżita f'Tarquinia (belt ġemellata)**<br>Ir-rapport ma kienx lest, iżda is-Sur Sandro Craus, is-Sindku flimkien mas-Sur Rudolph Grima, kunsillier, taw id-dettalji kollha dwar dan il-ġemellaġġ. Is-SE wera r-ritratti li ħa hu fuq l-iscreen dak il-ħin li bdew jitkellmu dawn fuq imsemmija. Il-viżita kienet waħda ta' ħbiberija sinċiera bejn iż-żewġ postijiet b'idejali komuni u differenti fl-istess ħin. Hemm fejn nistgħu inkunu ta' sostenn għal xulxin u nitgħallmu minn xulxin ukoll. | Tarquinia |
| 67.16 | **Punti Oħra** | |
| 67.16.01 | Is-Sur Nazju Cassar semma il-qtugħ tal-ħaxix / friegħi tas-siġar li hemm bżonn li jsir f'Ta' Koronja. | Qtugħ ta' ħaxix u żabra |
| 67.16.0 | Is-Sur Nazju Cassar semma' it-tindif li hemm bżonn li jsir fl-Għemieri fejn l-Iskola. | Tindif |
| 67.17 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa ntemmet fit-8:20pm u dik li jmiss se ssir nhar is-27 ta' Settembru 2023 fis-6:00pm | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum 27 ta' Settembru 2023 mis- Sur Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku